# L-Ikel u x-Xorb Tipiku Malti

**WebQuest Description**: Se niffokaw fuq l-ikel u x-xorb Malti, id-deskrizzjoni u l-importanza tagħhom fil-ħajja Maltija. Se nipprovaw niskopru wkoll ma' liema ikel u xorb barrani nistgħu nqabblu dawk Maltin.
**Grade Level**: 9-12
**Curriculum**: English / Language Arts
**Keywords**: Ikel u xorb tipiku Malti, ikel barrani, festi, kultura, ristorant, niddiskrivu, nikkomparaw, nippromwovu.
**Published On**: 2008-11-04 14:36:02
**Last Modified**: 2008-11-04 14:09:49
**WebQuest URL**: http://zunal.com/webquest.php?w=19106

## Introduction

"M'hemmx imħabba iktar sinċiera, mill-imħabba għall-ikel."(George Bernard Shaw) Hemm ħafna oqsma li jsawru l-kultura ta' pajjiż. Parti mill-istudju tal-Malti jinkludi wkoll il-kultura. L-ikel hu parti mill-kultura. Huwa qasam li jolqot lil kulħadd, f'kull ħin u f'kull eta'. L-ikel u x-xorb Malti...jogħġbuk jew ma jogħġbukx? Għala ndaħħlu l-ikel u x-xorb Malti fil-festi u fl-attivitajiet folkloristiċi? Hemm xebh bejn l-ikel u x-xorb Malti u dawk ta' xi nazzjonalita' oħra? Taħseb li l-ikel u x-xorb Malti jħabbtuwha ma' dawk ta' barra?  X'importanza għandu l-ikel Malti speċjalment, fil-kultura Maltija?Nippromwovu biżżejjed l-ikel Malti? Huwa jew mhuwiex importanti li nippromwovu l-ikel u x-xorb tipiku Malti? Int tħobb tattendi attivitajiet folkloristiċi li jippromwovu l-ikel tagħna jew ma tagħmillekx differenza?  

## Tasks

 Ħa tidħlu f'xi siti li jiddiskrivu l-ikel u x-xorb Malti, u ħa taraw ukoll l-importanza tal-promozzjoni ta' l-ikel Malti barra pajjiżna. Se tieħdu wkoll idea ta' ktieb Malti tar-riċetti. Sejrin taraw l-użu ta' l-ikel Malti fil-festi u f'attivitajiet folkloristiċi kif ukoll minn liema kċejjen barranin ġie affettwat l-ikel Malti.  Fl-aħħar, ħa jkollkom idea tajba dwar xiex jikkonsisti l-ikel u x-xorb Malti. Fi gruppi ta' erbgħa, sejrin timmaġinaw li se tiftħu ristorant li jservi ikel u xorb Malti. Tridu tagħżlu xi platti tipiċi Maltin li jogħġbukom, u se tagħmlu preżentazzjoni quddiem il-klassi billi tużaw ċarts u affarijiet oħra li jistgħu jsebbhulkom il-preżentazzjoni. Ma tkunx idea ħażina jekk forsi ġġibu ftit ikel Malti magħkom..ċerta li b'dan il-mod, l-istudenti l-oħra japprezzawha ħafna aktar il-preżentazzjoni tagħkom u jifhmu iżjed fuqiex qegħdin titkellmu! 

## Process

 L-Ewwel pass: Għal din l-attivita', il-klassi kollha se taħdem fi gruppi ta' erbgħa biex imbagħad ittellgħu preżentazzjoni fi grupp. Wara li tidħlu fis-siti t'hawn taħt li għandhom jgħinukom u jispirawkom fuqiex għandkom titkellmu, se timmaġinaw, li sejrin tiftħu ristorant li jservi ikel u xorb Malti. Se tgħidu xi platti tixtiequ sservu, u għaliex, u tipprovaw tanalizzaw mil-liema kċejjen ġiet affettwata l-kċina Maltija. Tkun idea tajba jekk kull membru tal-grupp jitkellem waqt il-preżentazzjoni.  It-Tieni pass: Biex tiffamiljarizzaw aktar ruħkom ma' l-ikel u x-xorb Malti u tieħdu idea tajba tagħhom, l-ewwel se taqraw dawn is-siti:http://wapedia.mobi/mt/Ikel_Malti,http://www.maltaonlinedictionary.com/mt/aboutmalta/food.asp.  It-Tielet pass: Ħa tidħlu f'dawn is-siti:http://www.doi.gov.mt/en/press_releases/2005/06/pr0973.asp-http://www.maltarightnow.com/?module=news&at=L-UE+ting%26%23295%3Baqad+mal-Maltin+f'%26%23267%3Belebrazzjoni+fi+Brussell&t=a&aid=31607&cid=50  Bl-għajnuna ta' dawn is-siti, fil-preżentazzjoni tistgħu titħaddtu ftit dwar it-tisħiħ ta' l-identita' permezz tal-'festi Maltin' li jinkludu preżentazzjonijiet ta' l-ikel Malti barra pajjiżna.  Ir-Raba' pass: Se tidħlu f'dan is-sit:https://www.midseabooks.com/book.aspx?id=284&vid=2115u tipprovaw twieġbu dawn il-mistoqsijiet:a.Ġieli xtrajtu ktieb tar-riċetti? Jekk le, titħajru tixtru wieħed issa? b.Ikollkom tixtru ktieb tar-riċetti dwar l-ikel Malti tippreferu tixtruh bl-Ingliż jew bil-Malti? Taħsbu li ktieb tar-riċetti bl-ilsien Malti dwar ikel Malti, iqarribkom iktar lejn x'inhu tipikament Malti?  Il-Ħames pass: Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll dawn il-mistoqsijiet waqt il-preżentazzjoni: a.Taħsbu li l-ikel tipiku Malti jħabbatha ma' dak ta' barra? b.Hemm xi similarita' bejn l-ikel tipiku Malti u dak ta' xi nazzjon ieħor? Jekk iva, ma' liema pajjiż/i?   Għandkom tħossukom fil-liberta' li żżidu xi informazzjoni oħra li taħsbu hi interessanti.    Dak kollox! Missjoni kompluta!

## Evaluation

| Category and Score | Il-Bidu 1 | Il-Bidu 2 | Tajjeb Ħafna 3 | Eżemplarju 4 | Score |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Kontenut tal-preżentazzjoni | L-istruzzjonijiet ma ġewx segwiti. Hemm nuqqas ta' riċerka u sforz. | Ftit riċerka u sforz. L-istruzzjonijiet ġew segwiti. | L-istruzzjonijiet ġew segwiti. Kwantita' tajba ta' riċerka u sforz. | L-istruzzjonijiet kollha ġew segwiti u hemm kwantita' tajba ta' riċerka. Ġew użati wkoll riżorsi oħra barra dawk miktubin fil-proċess. | %35 |
| Il-Kreattivita' fil-preżentazzjoni | Xejn. | Sforz żgħir u preżentazzjoni monotona. | Ġew użati ideat interessanti, u materjali tar-riċerka ġew inkorporati fis-suġġett. | Intqalet informazzjoni ġdida dwar l-ikel Malti (imqabbel ukoll ma' l-ikel barrani). L-ideat ġibdu l-attenzjoni ta' l-udjenza. | %25 |
| It-tqassim tax-xogħol waqt il-preżentazzjoni. | Il-preżentazzjoni ġiet imwassla minn student waħdu li tkellem daqslikieku studja l-informazzjoni bl-amment. | Il-preżentazzjoni ġiet imwassla minn żewġ studenti biss, li tkellmu daqsxejn bl-amment. | Il-preżentazzjoni ġiet imwassla minn tliet studenti biss li donnhom studjaw l-informazzjoni bl-amment | Il-preżentazzjoni ġiet imwassla minn erba' studenti b'mod konċiż u organizzat. Inġibdet ukoll l-attenzjoni ta' l-udjenza. | %15 |
| Kemm ġie mifhum il-kontenut tal-preżentazzjoni | Jidher li ġie mifhum ftit jew xejn mill-kontenut . | Jidher li ġew mifhumin xi partijiet mill-informazzjoni, iżda mhux il-parti l-kbira. | Jidher li ġiet mifhuma il-parti l-kbira ta' l-informazzjoni. L-ikel u x-xorb tipiku Malti ġew deskritti tajjeb. | Jidher li l-informazzjoni ġiet mifhuma tajba ħafna. Ġew deskritti tajjeb l-ikel u x-xorb tipiku Malti. Dawn ġew ukoll imqabbla ma' ikel tipiku barrani simili għal dak Malti. | %25 |
| | | | | Total Score | %100 |

## Conclusion

 Issa għandkom idea tajba ta' ikel u xorb tipiku Malti differenti. Kapaċi tiddiskrivu mill-anqas erba' platti tajjeb! Suppost fhimtu wkoll li l-ikel hu parti mill-identita' tagħna, u għaldaqstant, 'il-festi Maltin' jgħinu fit-tisħiħ ta' l-identita', speċjalment barra xtutna. Suppost saqsejtu wkoll lilkom infuskom jekk tħossukomx iktar 'Maltin' jekk tixtru ktieb tar-riċetti dwar l-ikel Malti bil-lingwa Maltija. Fhimtu wkoll li l-ikel Malti huwa influwenzat minn xi kċejjen barranin u kapaċi wkoll tgħidu mil-liema kċejjen.  Jaqaw issa qabadkom il-ġuħ?!  L-ikla t-tajba!!

## Teacher Page

 Għan/Għanijiet: Wara din il-preżentazzjoni l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jiddiskrivu mill-inqas erba' platti Maltin. Jagħrfu wkoll l-importanza tal-'festi Maltin' f'Malta, u speċjalment barra pajjiżna. L-istudenti jsiru wkoll konxji tax-xebh li hemm bejn il-kċina Maltija u xi oħrajn barranin. Għandhom jintebhu li l-ikel Malti huwa parti mill-kultura tagħna u għalhekk importanti fit-tiswir tan-nazzjon Malti. Riżorsi: Għal din il-preżentazzjoni għandhom jintużaw jekk jista' jkun mhux biss is-siti msemmijin fil-qasam 'il-proċess' iżda wkoll siti oħrajn relatati mas-suġġett. Żmien stipulat biex titwettaq il-preżentazzjoni: Din il-preżentazzjoni m'għandhiex tieħu iktar minn ġimgħa biex tiġi organizzata. Idealment għandu jingħata ftit jew xejn xogħol għad-dar tal-Malti għal dik il-ġimgħa, sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jiffokaw sew fuq din il-preżentazzjoni u b'hekk jagħtu riżultat aħjar. Kredtu: Niżżikħajr lis-Sur Josmar Borg li għinni nifhem il-programm tal-'webquest'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-siti li kkwotajt talli pprovdewni bl-informazzjoni.  

**Standards**

**Credits**

**Other**